MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1675/2004

**Anna Antignolo ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija C & H Bartoli Limited**

**Vs**

**H.P. Cole Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm368 (tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin) rapprezentanti prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-attrici ddikjarat li fil-mori tal-kawza thallas is-sorte kif ukoll l-ispejjez tal-mandat kawtelatorju u li jonqos biss l-ispejjez tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attrici fuq il-kap ta' l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------